MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2010

Numru. 43/2007

**Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Lucia sive Lucy Saliba ta' 43 sena, bint Francis Saliba u Antonia nee' Farrugia, imwielda fl-24 ta' Ottubru, 1964 u residenti fil-fond numru 11, Triq il-Madonna tac-Cicri, Zebbug, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita' numru 41764(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra l' hawn fuq imsemmija Lucia sive Lucy Saliba li giet akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer nhar is-

17 ta’ April, 2007, gewwa Triq iz-Zebbug, Zebbug, Ghawdex, ghal habta tat-tmienja nieqes ghaxra ta’ filghaxija (19:50):

a) volontarjament gharrqet il-hwejjeg ta’ Mary Cini, liema hsara hija ta’ aktar minn hamsin Lira (Lm50.00), izda inqas minn hames mitt lira (Lm500.00);
b) ukoll tali minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta’ Mary Cini f’periklu car, hebbet ghaliha u kkagunatilha griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna tal-istess Mary Cini skond ma ccertifikaw Dr. M Saliba ta’ l-Isptar Generali ta’ Ghawdex u Dr. T.G. Farrugia MD;
c) B’mod volontarju kisret il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbiku b’ghajjat u glied jew mod iehor u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d) Ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi verbalment ingurjat lil Mary Cini bi ksur tal-Artikolu 339 1(e) tal-Kap 9;
e) U fl-ahhar talli saret recidiva b’sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fis-27/11/07;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputata u li giet riaffermata wara li l-Qorti tatha zmien bizzejjed tirrikonsidra l-istess;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat 9 ta’ Lulju 2007;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputata, il-Qorti ma tistax hlief issibha hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandna tigi nflitta, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni r-rapport ta’ Dr. Mark Xuereb, l-espert nominat mill-Qorti, minn fejn jirrizulta illi l-

imputata ghandha bzonn tal-ghajnuna biex teghleb il-problemi taghha;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 325(1)(b), 221, 338 (dd), 339(1)(e), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-hatja taht Ordni ta' Probation ghal zmien tliet (3) snin mil-lum b'dan illi l-istess imputata ghandha tibqa' tigi segwita minn Dr. Mark Xuereb u dana ghas-spejjez taghha;

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor f'dan iz-zmien li qeghdha taht Ordni ta' Probation;

Finalment il-Qorti tordna lill-hatja sabiex thallas lill-parti leza Maria Cini s-somma ta' tliet mija u tlettax-il ewro (€313) u dana fi zmien sena mil-lum;

Il-Qorti tordna notifika tas-sentenza lid-Direttur tal-Probation Services skont il-Ligi;

Il-Qorti b'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lill-hatja b'garanzija personali ghal zmien sena mil-lum fil-konfront ta' Maria Cini taht penali ta' hames mit ewro (€500);

Fl-ahhar nett b'applikazzjoni tal-Artikolu 533 il-hatja qed tigi kkundannata thallas s-somma ta' erba' mitt ewro (€400) lir-Registratur tal-Qorti u dana in konnessjoni mal-ispejjez ta' Dr. Mark Xuereb.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------